MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 431/2005

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**vs**

**Alfred Mizzi - I.D. 53657M u
JAJ Co. Limited C22257**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm1,689.66) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati mill-konvenuti lill-proprjeta' ta' l-istess socjeta' attrici waqt xogholijiet f'St. Joseph Street, G'Mangia, (INV. 14525 GT3/03/28) skond kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-Avviz ghas-smiegh u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, kontra l-konvenuti li gew  ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socejta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-20 ta’ Frar, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------